MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-14 ta' Settembru, 2004

Numru 205/2004

**Il-Pulizija**
**Spt. Morgan Azzopardi**
**vs**
**Bernard Bondin et**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra

**Bernard Bondin** ta' 17 il-sena, iben Benjamin u Marisa *nee'* Zammit, mwieled Pieta' nhar is-16 ta' Jannar, 1987 u residenti Flat 2, Triq il-Mithna, Bormla, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 63787(M);

**Joseph Bondin** ta' 21 sena, iben Nazzareno u Rita' *nee'* Corso, mwieled Pieta' nhar is-17 ta' Novembru, 1982 u residenti f'73, Triq San Gorg, Bormla, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 625782(M).

Lil Joseph Bondin wahdek, billi int akkuzat talli fil-lejl ta' bejn il-11 u t-12 ta' Mejju, 2002, gewwa Wied il-Ghajn, ikkommettejt serq ta' stereo tal-ghamla Kenwood valutat Lm100 u sett speakers tal-ghamla Pioneer valutati Lm65 ghad-detriment ta' Redent Cassar minn Bormla, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jaccedi Lm100, bil-hin, mezz u natura tal-haga misruqa;

Talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, sirt recidiv ta' serq wara li gejt ikkundannat f'Malta ghal reat b'sentenza li tkun saret definittiva u ma titax tinbidel (Magistrat Dr. Antonio Mizzi, 22 ta' Marzu, 2002)

Lil Bernard Bondin wahdek, billi inti akkuzat talli f'xi data bejn it-12 u t-13 ta' Mejju, 2002, gewwa l-Fgura, xjentement ilqajt ghandek jew xtrajt hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indhalt biex tbieghhom jew tmexxihom.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tat-8 ta' Marzu, 2004, skond l-artikolu 370 (4) tal-Kap 9 sabiex il-kaz kontra l-imputati ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja kif ukoll in-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputati ghall-istess procedura;

Semhet il-provi;

Semhet ukoll l-ammissjoni tal-imputati;

Rat l-atti tal-kawza;

Fuq ammissjoni ssib lill-imputati hatja.

Rat l-artikoli 261, 263, 267, 270, 271, 278 sa 281, 49 u 50, 334 tal-Kap 9.

Rat il-fedina penali tal-imputati u rat illi r-rifurtiva kienet ritornata lil-vittma.

Tilliberhom bil-kondizzjoni li ma jaghmlux reat iehor sa zmien sentejn (2) mil-lum skond l-art. 22 tal-Kap 446.

Il-Qorti spjegat l-obbligi lill-imputati naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------